MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 890/1998/2

**Richard Schranz**
**vs**
**Bartholomeo sive Barth Micallef**

**Il-Qorti;**

Dan hu provvediment wara r-rikors ta' Bartholomeo Micallef tad-19 ta' Novembru, 2001 (fol. 174 ta' l-atti)[1] li

[1] Ir-rikors, ghal xi raguni li mhix cara, jirreferi fl-okkju ghal "Bartolomeo Micallef et" u r-rikors hu migjub bhala "Rikors ta' l-istess konvenuti", b'kollox fil-plural, meta fil-fatt hemm konvenut wiehed biss.

permezz tieghu talab li rikors ta' appell li kien mar dezert skond l-Artikolu 963 tal-Kap. 12 jigi riappuntat. Ir-rikors jghid testwalment hekk:

***"Illi huma gew mgharrfa illi l-appell illi kellhom ma giex notifikat u dan minkejja illi kif jirrizulta mill-atti, il-Marixxal ma bghatx lettera d'avvizo illi kien hemm nuqqas ta' notifika.***

***Illi din l-Onorabbli Qorti ghalhekk ordnat id-dezerzjoni tal-Appell meta fil-fatt fl-ewwel lok ghall-appuntament kellu jkun hemm in-notifika u l-marixxall ikun esegwixxa id-dover tieghu illi fin-nuqqas ta' notifika javza skond il-ligi.***

***Ghaldaqstant l-esponenti stante illi dawn huma fatti illi jirrizultaw mill-process stess, stante illi altrimenti l-esponenti ser ikun ipprivat mid-drittijiet tieghu, qed jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha wara l-verifika necessarja tirriappunta l-appell ghas-smiegh u ghad-decizjoni skond il-Ligi."***

Fir-risposta tieghu tat-3 ta' Dicembru, 2001 (fol. 176) l-intimat (l-attur) oppona t-talba ghar-riappuntament. Huwa fisser li appell li jmur dezert skond l-Artikolu 963(6) ma jistax jitqajjem b'semplici rikors peress li b'tali deserzjoni s-sentenza appellata tghaddi in gudikat. Fisser ukoll li n-nuqqas ta' "lettera d'avviso" fis-sitwazzjoni indikata fir-rikors kienet irrelevanti, u li tali ittra kienet mehtiega biss fil-kaz kontemplat fl-Artikolu 152(1) tal-Kap. 12.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenut ipprezenta rikors ta' appell (mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Gunju, 1999) fl-<u>24 ta' Gunju, 1999</u>. Sar tentattiv ta' notifika ta' dan ir-rikors ta' appell fil-25 ta' Gunju, 1999, pero` skond ir-riferta negattiva tal-Marixxall datata 28 ta' Gunju, 1999 fl-indirizz moghti "ma fetah hadd". Fit-30 ta' Gunju, 1999 l-appellant (ir-rikorrent odjern) hallas zieda ghal notifika ohra; il-Marixxall rega' mar f'dik l-istess gurnata, izda rega' ma fetah hadd (ara r-riferta negattiva a fol. 169 *tergo* datata 1 ta' Lulju, 1999). Ma thallset ebda notifika ohra u, konsegwentement, ma sar ebda tentattiv iehor ta' notifika

tal-imsemmi rikors ta’ appell. Wara li ghaddiet sena mid-data tal-prezentata tar-rikors u l-procedura bil-miktub baqghet mhux maghluqa, l-appell mar dezert *ope legis*.

Issa, huwa veru li mill-atti ma jirrizultax li l-Marixxall li mar biex jinnotifika fil-25 ta’ Gunju, 1999 u fit-30 ta’ Gunju (u li ghamel ir-riferti skond il-ligi fit-28 ta’ Gunju, 1999 u fl-1 ta’ Lulju, 1999 rispettivament) baghat l-hekk imsejjha “lettera d’avvizo”. Din il-Qorti, pero`, aktar minn darba rriteniet li fil-kaz ta’ nuqqas ta’ notifika tar-rikors ta’ appell, tali “lettera d’avvizo” ma hiex mehtiega skond il-ligi, fis-sens li hu l-appellant li ghandu jiehu l-izbriga li jsegwi l-atti u li jara, permezz tar-riferta li tkun saret skond il-ligi, jekk ir-rikors ikunx gie notifikat jew le. Hekk, per ezempju, fil-kaz **Silvio Vassallo noe. v. Walter u Doris Mallia**, deciz minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-28 ta’ Frar, 2001, inghad hekk:

“L-appellanti jilmentaw illi huma ma gewx notifikati mill-marixxall li ezegwixxa n-notifika tar-rikors tal-appell illi hu ma kienx irnexxielu illi jikkonsenja dak l-att lill-appellant nomine fl-indirizz moghti. Il-kwistjoni jekk jezistix xi obbligu tal-marixxall tal-Qorti li jgharraf lill-parti jew lill-avukat/prokuratur legali bin-nuqqas ta’ notifika tar-rikora ta’ appell, giet diga` deciza fil-kawza fl-ismijiet *‘Edwin Privitera vs Joseph Borg et”* deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Ottubru, 1999. Il-Qorti ddikjarat ‘Ma jidhirx li dan l-obbligu johrog minn xi disposizzjoni tal-ligi u jidher li l-prattika giet introdotta ftit tas-snin ilu minn din il-Qorti diversament presjeduta proprju bhala servizz biex jigu evitati kemm jista’ ikun is-sorprizi in materja ta’ notifiki’. Il-Qorti kompliet tafferma ‘illi ma jezisti ebda obbligu da parti ta’ xi hadd li jinnotifika lill-appellant bin-nuqqas ta’ notifika tal-petizzjoni u li kien obbligu tal-parti stess li ssegwi l-atti u l-progress taghhom u tirrimedja fi zmien utli. L-obbligu impost fuq il-marixxall hu biss li jaghmel ir-riferta fl-atti fit-termini ta’ l-artikolu 188 tal-Kap 12. Kien id-dover tal-partijiet li jsegwu l-progess tan-notifika ta’ l-atti b`riferenza diretta ghall-process. U dan indipendentement minn kull avviz mahsub biex jassistihom f`dan ix-xoghol u li fuqu huma ma kellhomx jistriehu jew iserrhu rashom. Dan naturalment ma jfissirx illi l-ufficjali ta’ din il-Qorti jistghu

jkunu leggeri, kif kultant huma, in materja ta’ notifika ta’ riferti u anke ta’ avvizi li huma diretti li jaghmlu bhala parti integrali mix-xoghol taghhom’.

F’din is-sentenza din il-Qorti eleaborat b`certu dettal meta u sa fejn il-marixxall tal-Qorti kien tenut li jaghti rendikont tal-operat tieghu in materja ta’ notifika ta’ atti fl-appell lill-avukat jew il-prokuratur legali ta’ parti. Issir hawn referenza ghal dawk il-konsiderazzjonijiet. Din il-Qorti zzid biss illi l-Kodici tal-Organizzazzjoni u l-Procedura Civili jipprovdi li l-avukt jigi informat b`riferta negattiva in sede appell biss fir-rigward tal-avviz ghas-smiegh fl-ewwel appuntament. Infatti l-artikolu 152 s-sub inciz 2 jipprovdi illi dan l-avviz kellu jinghata b`citazzjoni. Jekk l-appellant ma jigix notifikat b`dan l-avviz ghas-smiegh, ir-registratur, kemm-il darba ma jkunx ezentat kif jinghad fis-sub-artikolu 1 ta’dak l-artikolu, kellu fi zmien ghaxart ijiem jinforma bil-mktub lill-avukat ta’ dik il-parti li l-avviz ma jkunx gie notifikat u l-avukat ghandu jiffirma fuq kopja li rcieva dik il-komunika.

Dak illi l-ligi tezigi fir-rigward tal-avviz tas-smiegh ma jirrizultax li tezigih fir-rigward tan-notifika tar-rikors tal-appell. Kif inghad il-ligi tipprezumi illi l-appellant jaghmel dak kollu li huwa mehtieg biex jassigura illi fi zmien statutorju preskritt mil-ligi, r-rikors tal-appell ikun gie debitament notifikat lill-appellant. Kien ghalhekk l-obbligu tal-appellant li jsegwi n-notifka tr-rikors tal-appell tieghu lill-appellat biex jassigura li l-procedura bil-miktub tinghalaq fi zmien preskritt fil-ligi.”

Ghalhekk it-talba ta’ Bartholomeo sive Barth Micallef kif migjuba fir-rikors tad-19 ta’ Novembru, 2001, ghar-riappuntament tar-rikors ta’ l-appell li kien mar dezert hija infondata fid-dritt, u ghalhekk l-istess talba qed tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

---------------------------------TMIEM---------------------------------